

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-10 ta' Frar 2010, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti dwar allegata għaj-nuna illegali mill-Istat mogħtija mir-Repubblika Taljana lil CAV.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) *Associazione italiana delle società concessionarie per la costruzione e l'esercizio di autostrade e trafori stradali (AISCAT)* għandha tbatl nofs l-ispejjeż tagħha, nofs dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u t-totalità ta' dawk sostnuti minn Concessioni autos-tradali Venete — CAV SpA.

(3) Il-Kummissjoni għandha tbatl nofs l-ispejjeż tagħha kif ukoll nofs dawk sostnuti minn AISCAT.

(¹) ĠU C 161, 19.06.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Jannar 2013 — Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-54/11) (¹)

(“FEŻR — Tnaqqis ta' għajjnuna finanzjarja — Għajjnuna għall-programm operattiv tal-objettiv Nru 1 (2000-2006), li jirrigwarda r-reġjun ta' Andalucía (Spanja) — Artikolu 39(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 — Terminu ta' tliet xhur — Direttiva 93/36/KEE — Proċedura nneozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt”)

(2013/C 55/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment M. Muñoz Pérez, sussegwentement minn S. Martínez-Lage Sobredo, u fl-aħħar nett A. Rubio González u N. Díaz Abad, abogados del Estado)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Steiblyté u J. Baquero Cruz, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 7700 finali, tas-16 ta' Novembru 2010, li tnaqqas l-għajjnuna finanzjarja tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), inizjalment mogħtija għall-programm operattiv integrat “Andalucía”, li jaqa' taħt l-objettiv 1 (2000-2006), sa fejn timponi korrezzjoni finanzjarja ta' 100 % tal-ispejjeż iffinanzjati mill-FEŻR għall-kuntratti Nru 2075 u Nru 2120/2005.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 80, 12.03.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Jannar 2013 — Lidl Stiftung vs UASI — Lactimilk (BELLRAM)

(Kawża T-237/11) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali BELLRAM — Trade marks nazzjonali verbali u figurattivi preċedenti RAM u Ram — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Dritt għal smiġħ — Artikolu 63(2), Artikoli 75 u 76 tar-Regolament Nru 207/2009 — Termini għall-proċedimenti ta' oppożizzjoni”)

(2013/C 55/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lidl Stiftung & Co. KG. (Neckarsulm, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Träger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: K. Klüpfel u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Lactimilk, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: P. Casamitjana Leonart, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-1 ta' Marzu 2011 (Każ R 1154/2009-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Lactimilk, SA u Lidl Stiftung & Co. KG.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Lidl Stiftung & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 204, 09.07.2011.